

# sekwenzi ta'
# tluq

sekwenzi ta’

# tluq

sekwenzi ta'

# tluq

*Edituri*

**Keith Azzopardi**
**Adrian Grima**

**Inizjamed**
bi sħab ma' Versatili
2010

Pubblikazzjoni ta’ **Inizjamed**
Lulju 2010

ISBN: 978-99932-87-02-5

Edituri Keith Azzopardi u Adrian Grima
Disinn tal-qoxra: Pierre Portelli, www.pierreportelli.com
Ritratt tal-qoxra: Installazzjoni ta’ Pierre Portelli, ‘and when I reach port,’ zone 5
Produzzjoni: Adrian Grima
Stampat għand il-Custom Lab, B’Kara

© Inizjamed 2010
© l-awturi 2010

Dan il-ktieb qed jinbiegħ bil-kundizzjoni li ma jistax jerġa’ jinbiegħ, jinsilef jew jingħata b’xejn kif ukoll li ma jsir fih ebda tibdil fil-forma jew fil-produzzjoni teknika tiegħu mingħajr il-permess bil-miktub tal-awturi individwali u tal-pubblikatur.

Dawn ix-xogħlijiet ta’ **Clare Azzopardi, Clifton Azzopardi, Keith Azzopardi, Keith Borg, Leanne Ellul, Claudia Gauci, Adrian Grima, Simone Inguanez, Leli, Nathalie Muscat, Walid Nabhan,** u **John P. Portelli,** u nqraw l-ewwel darba waqt il-lejla ta’ letteratura u mużika *Tluq* imtellgħa minn Versatili u Inizjamed fil-festival Evenings on Campus fis-26 ta’ Lulju, 2010, fi Pjazzetta Dun Karm, l-Università ta’ Malta.

Avviż: **Dawn ix-xogħlijet huma għal qarrejja maturi**

Ħajr speċjali lil Patricia Camilleri u Daphne Pia Kelleher mill-*Evenings on Campus*, lil Carmen Callus u l-Kavallier ta’ San Ġakbu, lill-artisti Philip Agius, Trudy Gera u Darren Tanti, u l-mużiċisti Marc Galea (kitarra) u Mario Abela (kuntrabaxx).

**Inizjamed** hija organizzazzjoni kulturali rreġistrata bħala Għaqda Volontarja f'Malta, VO/0355

inizjamed.org

## Werrej


| | | |
|---|---|---|
| Letteratura u Kunflitt | - 7 - | Adrian Grima |
| Epigrafu | - 11 - | *Keith Azzopardi* |
| Ħarba: mill-mera | - 12 - | *Simone Inguanez* |
| Nieżla bis-Saħħa x-Xita | - 14 - | *Simone Inguanez* |
| Il-Mara t'Għajnejha Blu | - 15 - | *Claudia Gauci* |
| L-Imħabba l-Kapriċċ | - 23 - | *Adrian Grima* |
| Tama | - 25 - | *Nathalie Muscat* |
| Amman. Belt u Tfulija | - 26 - | *Walid Nabhan* |
| balkani | - 30 - | *Adrian Grima* |
| Passaport | - 32 - | *Leanne Ellul* |
| it-tessera | - 33 - | *Clare Azzopardi* |
| Niftakar | - 39 - | *John P. Portelli* |
| *Division 3* | - 40 - | *Leli* |
| Ħemda Radikali | - 54 - | *John P. Portelli* |
| Tluq | - 55 - | *Keith Borg* |
| *Starcraft* | - 56 - | *Clifton Azzopardi* |
| Noti Bijografiċi | - 59 - | L-Awturi |
| | - 63 - | Inizjamed |
| | - 63 - | Versatili |

## Noti Bijografiċi

**Clare Azzopardi** (1977) ħarġet diversi sensiliet ta' kotba għall-istudenti żgħar. Fl-2006 ippubblikat l-ewwel ġabra ta' novelli għall-kbar, *Il-Linja l-Ħadra*, li biha rebħet il-Premju Letterarju. Id-dramm tagħha *L-Interdett Taħt is-Sodda*, minbarra li nħadem f'Malta, ħareġ fi Franza (2008) u ġie ppubblikat bl-Għarbi. Uħud mill-kitbiet tagħha nqalbu f'diversi lingwi. Fl-2009 ippubblikat l-ewwel rumanz tagħha għat-tfal, *Il-Każ (kważi) Kollu tal-Aħwa De Molizz*.

**Clifton Azzopardi** (1987) kiseb BA fl-Ingliż u l-Filosofija fl-2008. Wara ssokta bl-istudji tiegħu fit-traduzzjoni, filwaqt li beda jħarbex l-ewwel ftit poeżiji. L-influwenzi tiegħu jvarjaw mill-films għall-mużika, minn del Toro għal Hans Zimmer u Pink Floyd, minn Tolkien u Darwish għal Zahra u Friggieri. Iħares lejn il-poeżija bħala serje ta' ritratti, mument partikulari, u 'l quddiem jixtieq jesplora ġeneri differenti ta' proża, u l-epika.

**Keith Azzopardi** (1991) qed jagħmel kors tal-Baċellerat fil-Malti. Fl-2009 kien wieħed mill-kittieba rebbieħa mir-reġjun Ewro-Mediterranju fil-Konkors *A Sea of Words*. Fl-istess sena waqqaf Versatili, grupp letterarju studentesk fi ħdan l-Università. Il-kitbiet tiegħu dehru kemm f'gazzetti kif ukoll f'rivisti. Jixtieq li Versatili toħroġ ġabra ta' novelli miktuba mill-membri u li l-grupp jorganizza aktar attivitajiet letterarji.

**Keith Borg** (1984), li studja l-Malti u l-Komunikazzjoni fl-Università, ilu jikteb għal dawn l-aħħar sentejn. Studja d-drama għal erba' snin ma' Lemonhead Productions, u magħhom ħa diversi korsijiet speċifiċi. Ħa sehem f'għadd ta' ljieli letterarji. Iħares lejn il-letteratura bħala mezz biex jifhem aħjar id-dinja, il-bnedmin, u fuq kollox lilu nnifsu. Huwa membru attiv ta' Versatili.

**Leanne Ellul** (1989) kisbet BA (bl-Unuri) fil-Malti. Fost l-influwenzi tagħha hemm Oliver Friggieri u Mario Azzopardi, kif ukoll Norbert Bugeja, Immanuel Mifsud u Adrian Grima. Kitbietha dehru f'gazzetti u rivisti, u fuq l-internet. Ħadet sehem f'għadd ta' ljieli letterarji, u għandha għal qalbha l-mużika. Tittama li fil-futur qarib tilħaq għalliema tal-Malti. Sadanittant, taspira li tkompli timrah fi spazji letterarji usa' u iġded.

**Claudia Gauci** (1976) studjat il-Malti u l-Franċiż fl-Università u ħadmet bħala traduttriċi fil-Lussemburgu u Malta. Ħadet sehem f'għadd ta' workshops u festivals fosthom il-Festival Mediterranju tal-Letteratura ta' Malta tal-2008 u fil-Bjennali tal-Artisti Żgħażagħ (Napli, 2005). Kitbietha dehru f'diversi pubblikazzjonijiet, fosthom *F'Kull Belt hemm Kantuniera* (2003). Tittama li fil-futur qarib tippubblika l-ewwel ġabra letterarja tagħha.

**Adrian Grima** (1968) jgħallem il-letteratura Maltija fl-Università ta' Malta. Ippubblika l-kotba ta' poeżija *It-Trumbettier* (1999), *Rakkmu* (2006) u *Riħ min-Nofsinhar* (2008) ma' Immanuel Mifsud. Rebaħ premjijiet f'Malta u l-Italja għall-kitba tiegħu. Uħud mill-poeżiji tiegħu nqalbu fi tlettax-il lingwa u ġew ippubblikati f'għadd ta' pajjiżi fl-Ewropa u l-Mediterran.

**Simone Inguanez** (1971) qattgħet l-ewwel snin ta' ħajjitha Bormla, imbagħad marret tgħix mal-familja tagħha Santa Luċija. Iggradwat mill-Università ta' Malta fil-liġi, il-forensika u l-psikoloġija. Fl-2005 ippubblikat l-ewwel poeżiji tagħha fil-ktieb *Ftit Mara, Ftit Tifla*. Fl-istess sena dehret ukoll il-ġabra ta' traduzzjonijiet, *Water, Earth, Fire and I*. Qrat il-poeżiji tagħha f'bosta festivals barra minn Malta u saru traduzzjonijiet ta' xogħolha f'għadd ta' lingwi.

**Nathalie Muscat** (1991) qed issegwi kors tal-Baċellerat fil-Malti u t-Taljan. Il-letteratura ilha tinteressaha, u f'dawn l-aħħar ftit snin bdiet tħoss aktar il-lublieba għall-kitba. Fost l-influwenzi tagħha hemm kittieba Taljani bħal Quasimodo, Petrarca, Dante u Manzoni. Hija attiva f'Versatili, u bi ħsiebha tkompli tikteb u tistudja aktar fil-fond il-letteratura.

**Walid Nabhan** twieled f'Amman, il-Ġordan fl-1966 wara li ommu u missieru telqu minn Ħebron, il-belt oriġinali tal-familja tiegħu fil-Palestina. Wasal Malta fl-1990 fejn studja t-teknoloġija tal-laboratorji mediċi. Fl-1998 kiseb Baċellerat fix-Xjenza fix-xjenzi bijomediċi mill-Università ta' Bristol u fl-2003 kiseb Masters fil-Jeddijiet tal-Bnedmin u d-Demokratizzazzjoni mill-Università ta' Malta. L-ewwel novelli tiegħu nġabru f'*Lura d-Dar, u ġrajjiet oħra li ma ġrawx* (2009).

**John P. Portelli** (1954) huwa professur tal-edukazzjoni fl-Ontario Institute for the Studies of Education, University of Toronto. Huwa ppubblika sitt kotba u diversi artikli fil-filosofija tal-edukazzjoni, *leadership*, u l-politika tal-edukazzjoni. Ħareġ żewġ kotba ta' poeżiji, *Bejn Żewġ Dinjiet/In Between* (2003) u *Taħt iċ-Ċirasa/Under the Cherry Tree* (2008).

**Leli** (1968), Xlukkajr imrobbi ż-Żejtun, jaħdem mad-Dipartiment tat-Tifi tan-Nar u ilu President tal-Assoċjazzjoni tal-Protezzjoni Ċivili għall-aħħar 10 snin. In-novelli tiegħu dehru f'diversi ġurnali u magażins, u ġie fl-ewwel post f'konkors f'għeluq il-50 sena ta' *It-Torċa*. Ħa sehem f'għadd ta' ljieli letterarji organizzati minn Inizjamed u l-Moviment Graffitti. Bħalissa qed jaħdem fuq Masters fil-Letteratura Maltija u jittama li fi ftit żmien ieħor joħroġ l-ewwel ġabra ta' novelli.

**Inizjamed** hija organizzazzjoni kulturali mediterranja li twaqqfet fl-1998 bil-għan li tmexxi proġetti kulturali u artistiċi fuq livell lokali u internazzjonali. Inizjamed tfittex li ġġedded l-espressjoni artistika f'Malta, fid-dawl, fost l-oħrajn, ta' għarfien aħjar tal-varjetà kulturali li teżisti f'pajjiżna, fir-reġjun tal-Mediterran u lilhinn. Ippubblikat bosta kotba, fosthom *F'Kull Belt Hemm Kantuniera* (2003), *Ktieb għall-Ħruq* (2005), *Kieku l-Ikel Jitkellem* (2009) u sitt kotba fis-sensiela Contemporary Maltese Literature in Translation (ma' Midsea Books). Inizjamed taħdem ukoll fil-qasam tal-Edukazzjoni għal Ċittadinanza Globali permezz ta' inizjattivi favur l-iżvilupp u l-koperazzjoni internazzjonali. F'Malta hija msieħba fi SKOP (Solidarjetà u Koperazzjoni) u l-Forum għall-Ġustizzja u l-Koperazzjoni. Fuq livell internazzjonali hija membru, fost l-oħrajn, fil-Bord tal-Għaqda Internazzjonali tal-Bjennali tal-Artisti Żgħażagħ mill-Ewropa u l-Mediterran (BJCEM) u firmatarja tal-Karta tal-Prinċipji tal-Forum Soċjali Dinji. Inizjamed tieħu ħsieb il-Festival Mediterranju tal-Letteratura ta' Malta u fl-2010 organizzat Ħarba, il-Festival Internazzjonali tal-Letteratura għat-Tfal. http://inizjamed.org/

**Versatili** twaqqaf minn grupp ta' studenti Universitarji fl-aħħar tal-2009 bil-għan li jiltaqgħu u jiddiskutu l-kitbiet letterarji tagħhom fi spazju informali, biex jorqmu u jitħarrġu fil-preżentazzjoni ta' xogħolhom. L-għaqda tfittex tagħti opportunitajiet ġodda lil-kittieba żgħażagħ, u li tlaqqagħhom ma' kittieba stabbiliti sabiex jimirħu aktar f'meded ġodda. Minbarra l-letteratura, il-membri ta' Versatili jaħdmu wkoll ma' artisti minn oqsma oħra bħall-mużika u l-arti viżiva.

Il-vjaġġ li kull kittieb u kittieba jsalpaw fuqu, hu solitarju u bla tmiem, u għalhekk il-qawmien mill-ġdid tal-letteratura Maltija hu għalihom bħal oasi f'baħar deżert, li fiha jistkennu bejn kelmawoħra, u hemm jintelqu jirrakkuntaw esperjenzi ta' mħabba mgħoddija u tamiet għall-imħabba l'għad trid tfiġġ, esperjenzi ta' tluq minn din id-dinja, ta' telfien tas-sensi … fuq kollox jirrakkuntaw esperjenzi ta' ħajja ġdida waqt li jferrgħu s-sillabi li bħaż-żrieragħ iħawluhom u jindokrawhom fl-oasi tagħhom, b'tifkira tagħhom qabel jitilqu għall-aħħar darba …
Il-kenn ta' dal-kittieba huwa l-kliem.

Keith Azzopardi



Clare Azzopardi
Clifton Azzopardi
Keith Azzopardi
Keith Borg
Leanne Ellul
Claudia Gauci
Adrian Grima
Simone Inguanez
Leli
Natalie Muscat
Walid Nabhan
John P. Portelli

inizjamed

Versatili

ISBN 978-99932-87-02-5
9 789993 287025 >

*Avviż: Dawn ix-xogħlijet huma għal qarrejja maturi*